# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Il-Pulizija**

**Spettur Charlotte Curmi**

**Vs**

**Samuel Gauci**

**Kawza: Kollizzjonijiet**

**Illum: 23 ta` Ottubru 2023.**

## Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Samuel Gauci ID 258800L bin John u Mariella nee Gauci mwieled fit-18/07/2000 u joqghod 13 The Farm House, Limbordin Limiti ta’ San Pawl il-Bahar talli fit-12 ta’

Marzu, 2022 ghall-habta ta' 00:10hrs fi Triq il-Kbira Qormi soqt vettura b'numru ta' registrazzjoni HCB325.

1. U talli soqt l-imsemmija vettura b' manjiera bla kont.
2. U talli soqt l-imsemmija vettura b' manjiera perikoluza.
3. U talli soqt l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata.
4. U talli waqt li kont qed issuq vettura b'mutur inqast li tieqaf post fejn hemm sinjal tat-traffiku li jindika "STOP".
5. U talli b'nuqqas ta' hsieb , bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti ikkagunajt hruq jew ghamilt xi hsara jwq hassart jew gharraqt xi haga minhabba f'hekk Martin Grech batgha offiza gravi fuq il-persuna li tkun gabet il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta skond kif iccertifika Dr Paul Zammit MD mill- MDH.
6. U b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku hbatt ma' vettura nru MXP544 u involontarjament ikkagunajt hsarat ghad-dannu ta' Miles Express Cargo Sys Ltd.

Il-prosekuzzjoni talbet li jigi skwalifikat mill-licenzji tieghu kollha tas-sewqan.

Il-Qorti gentiment mitluba li f'kas ta htija minbarra li tinfliggi il-piena skondil-ligi tnaqqas il-punti mill-licenzja tas-sewqan hekk kif stabilit mill-LS65.18 art 36B u fil-LS64.18 Sitt Skeda.

Rat l-artikoli 328(b)(d) tal- Kap 9 u Art 15(1)(a) (2) tal- Kap 65 , u LS 65.05 Artikolu 2(IIE (a) (2)) u LS 65.18 art 36B u LS 65 18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni,

Rat ix-xhieda tal- impuatat u Andrea Vella;

Rat l-atti kollha u d-dokumenti kollha ezibiti;

Semghet it-trattazzjoni.

**Ikkunsidrat**

**<u>Martin Grech xehed hekk,:</u>**

Xhud: Iva nahlef, jiena kotn niezel bil-mutur fit triq principali u kif wasalt fis-side street hareg vann jekk mhux sejjer zball Demax iswed u minn go Stop Sign u,

Avu: Taf in-number plate?

Xhud: ACB 325.

Qorti: Id-data nafuha?

Xhud: 12th March 2022 fi Triq il-kbira Hal-Qormi.

Avu: Mela sur Grech spjega id-dinamika tal-incident x`gara igifieri inti kont niezel main street qed tghidilna,

Qirti: Le hu kien niezel main street u qal il-karozza ACB 325 harget minn fuq Stop Sign u qed nassumi laqtitek jew le?

Xhud: Hu laqatni fuq,

Qorti: U xkanajt nassumi mill-sketch qed nara,

Xhud: Ehe u hbatt bqajt diehel gol-hajt.

Qorti: Igifieri dil-linja t`hawn hajt?

Xhud: Ehe.

Qorti: Igifieri inti spiccajt fuq xi bankina jew xi haga hekk?

Xhud: Ehe.

Avu: Mela tispjega wahda fejn sehh l-impatt tal-mutur fuq il-vann fejn kien l-impatt?

Xhud: Quddiem ghax jiena kont miexi u hareg,

Qorti: Issa inti x`garalek wara l-incident x`griehi soffrejt u kemm domt?

Xhud: Haduni Mater Dei u dahluni mal-ewwel fit-Theatre u ddrittawli saqajja ghax kelli dislocation kbira umbaghad ghamilt xi granet l-isptar fejn operawni darbtejn ohra biex ghamluli external fixator u hadid fuq gewwa.

Qorti: Inti baqalek xi?

Xhud: Ghandi ghaddej ijja infatti aktarx se jergu joperawni.

Qorti: Ghamlulek xi bicciet ta` metal?

Xhud: Ijja ghandi l-hadid ghandi plate u ghandi 4,

Qorti: F`sieqek ghedtli?

Xhud: Ijja fl-ghaksa.

Avu: Tiftakar it-tabib min kien li rak u min ezaminak u taht min kont u?

Xhud: Jiena taht Dr. Jason Zammit Profs.

Avu: Jekk thares ma din l-awla tiftakar taraf il xi hadd min kien qed isuq il-vettura li habtet fik?

Xhud: Dak is-sinjur hemm wara.

Qorti: U l-mutur fejn kellu d-daqqa?

Xhud: Ifhimni il-mutur daqqa primarja ghandu il-genb quddiem mal-hajt,

Qorti: Ehe imma umbaghad eventwalment id-daqqa originali insomma mutur ma tantx fih anyway, ok fhimtek.

Avu: Mela jekk nghidlek biex tispjega l-mod kif nti kont niezel fittriq liem speed kont ghaddej?

Xhud: Forsi kont ghaddej 30/40 ifhimni mhux xi triq principali.

Avu: Kien hemm xi haga li kienet tostakola il-vizzjoni ta` min kien hiereg mis-side street biex jarak tiftakar?

Xhud: Ma niftakarx bl-amment.

Avu: Xejn mix-xhud.

Pros: Tiftakar xi tabbella li kien hemm fit-triq sinjur?

Xhud: Stop Sign hemm fit-triq zgur hemmekk.

Qorti: Dik anki bla Stop Sign dik T-Junction anyway.

Pros: M`ghandix iktar mistoqsijiet.

Avu2: Mela sur Grech inti bhala speed ghedtilna 30/40 taf il-limitu ta` dik it-triq kien hemm xi indikazzjoni fit-triq?

Xhud: Ma niftakarx ta le.

Avu2: Inti meta rajtu il-pickup l-ewwel darba?

Xhud: X`hin kien kwazi mieghi.

Avu2: Igifieri meta rajtu kien wieqaf jew qed isuq?

Xhud: Le qed isuq uu.

Avu2: L-ewwel impatt tieghek fejn kien?

Xhud: Fuq il-genb.

Avu2: Le le inti kont ghaddej bil-mutur u inti ghedt saq fuqek?

Xhud: Ezatt.

Avu2: Kellek impatt mal-vann?

Xhud: Heqq mhux hekk.

Avu2: Fejn kien l-impatt?

Xhud: Fil-kantuniera tal-vann.

Avu2: Ok u bhala impatt kif kien zghir, kbir, qawwi?

Xhud: Ifhimni impatt ma nafx uu jien ma nafx kif tiakkalkula impatt zghir u kbir hadt daqqa uu.

Avu2: Inti hadt daqqa x`mess mal-vann il-mutur inti?

Xhud: It-tnejn uu il-mutur m`ghandux body awtomatikament jekk tani daqqa bil-vann il-mutur u jiena u.

Avu2: It-tnejn missejtu mal-vann?

Xhud: Mhux hekk.

Avu2: U x`gara wara l-impatt?

Xhud: Jiena waqajt bil-mutur u hbatt gol-hajt cioe f`kantuniera ta garaxx biex inkun qed nghidlek kollox kif inhi l-affari u hemm barrier u hbatt saqajja mal-barrier.

Avu2: Qed issemmi dil-barrier inti hbatt mal-barrier kif gara l-impatt ghax il-barrier issa qed issemiha?

Xhud: Le hbatt mal-hajt hemm barrier.

Avu2: Il-vettura hija tieghek, il-mutur huwa tieghek?

Xhud: Le tax-xoghol ex xoghol ghax m`ghadnix.

Avu2: Ix-xoghol x`kien?

Xhud: Courier bil-mutur.

Avu2: Inti kont xoghol dak il-hin?

Xhud: Le, kont sejjer id-dar.

Avu2: Dak kollox sinjura.

Qorti: Re Ezami.

Avu: Qed issemmi li hbatt mal-barrier u mal-hajt l-impatt ma xiex sar?

Xhud: Mal-vann.

Avu: Daqsekk sinjura.

**Samuel Gauci xehed hekk:**

Avu: Mela Samuel spjega daqxejn l-incident meta gara, fi x`hin u x`gara?

Xhud: Mela jien kont qed insuq fi triq Santu Rokku.

Avu: Hu se jipprezenta diversi ritratti sinjura jispjegahom umbaghad jipprezenthom, mela mil-liem triq kont gej inti?

Xhud: Minn Santu Rokku.

Qorti: Mela mil-sketch Santu Rokku jidher indikata it-triq tal-Stop Sign, issa inti ha tezebili ritratt fuq il-konfigurazzjoni tat-triq?

Avu: Yes yes.

Qorti: Mela DOK SG1.

Avu: Mela inti kont hiereg minn triq Santu Rokku,

Qorti: Dan nizziltu minn xi haga u?

Xhud: Google maps, jien kont hiereg minn Santu Rokku issa hawnekk fejn kien hemm il-karozza ipparkjata blue kien hemm vann,

Avu: Indikatlek il-Magistrat il-vettura,

Xhud: Le mhux dik il-vettura.

Avu: Ipprezenta ir-ritratt hu spjega ir-ritratt illi se tipprezenta u meta haddtu dak ir-ritratt?

Qorti: Min hadhom dawk ir-ritratti?

Xhud: Dar-ritratt tal-Google Maps kien hawn vann minn dawk li jkollu tal-Aluminium u kien hawn il-veduta imblukkata.

Qorti: Tal-Aluminium ghall-liema qed tghid?

Xhud: Flok il-karozza il-blue kien ipparkjat.

Qorti: Ghamilli cirku.

Xhud: Il-vista tieghi kienet pjuttost minima allura,

Qorti: Triq Santu Rokku li Stop li hawn hawn jew ohra?

Avu: Dik hi.

Xhud: Allura jiena bqajt nipprocedi biex nohrog,

Qorti: Le karozzi ipparkajti hemmekk hemm car bays hux hekk?

Avu: Ehe hemm car bays.

Qorti: Igifieri jekk qed nifthemu oltre l-isketch?

Avu: Proset proset hekk hu.

Xhud: Kont hiereg minn hemm u l-veduta tieghi kienet pjuttost minima allura ersaqt ftit il-quddiem harist il-fuq jiena,

Qorti: Il-fuq lejn fejn?

Xhud: Lejn minn fejn kien niezel Mr. Martin Grech.

Qorti: Igifieri dak in-naha tal-oppost mhux in-naha tal-pompa in-naha l-ohra?

Xhud: Ezatt, u rajt li ma kien gej hadd ghamilt il-manuvra tieghi u bdejt naqla u bdejt naqla kwazi hrigt kollni gie mutur imqaccat ghadda,

Qorti: Imqaccat x`igifieri?

Xhud: Ghaddej bis-sahha hafna ghadda minn quddiem l-vann tieghi kemm kemm missli mal-bumper girfa mal-bumper ghandi.

Avu: Inti ghandek ritratti tal-bumper?

Qorti: Issa dar-ritratt minn hadu?

Xhud: It-tfajla tieghi li jisimha Andrea Vella, dawn il-gixx girfiet li hawn hawnekk kienu diga qeghdin hemmekk, l-impatt sar ma din is-selha hawnekk.

Qorti: Ghamel fejn qed tghid li sar l-impatt ghamel cirku iehor igifieri inti qed tghid fejn qed turini issa  hu l-unika post li hemm impatt rizultat tal-incident hux hekk u jekk hemm daqqiet ohra huma daqqiet li m`ghandhomx x`jaqsmu?

Xhud: Le m`ghandhomx x`jaqsmu le aqqas huma daqqiet grif.

Qorti: Ghandek xi dokumenti li triq tipprezenta?

Xhud: Ghandi ritratti tal-mutur kif inqasam u sar bicciet.

Avu: Mela tal-incident tista tgahmilhom kollha f`daqqa u pprezenthom.

Avu: Mela inti kif hrigt mil-Stop Sign inti semmejt li kellek impediment x`gara?

Xhud: Kien hemm ipparkjat vann ahmar ukoll u l-manuvra tieghei kelli naghmilha tikka zghira l-barra Toyota Pickup qieghed immarkat PV fuq l-isketch dak mhux suppost ipparkjat hemmekk.

Avu: Allura minhabba dal-vann inti x`kellek taghmel?

Xhud: Jien kelli naqla naqra l-barra, il-vettura tieghi hija pjuttost goffa.

Avu: Mela inti semmejt illi kien gej bi speed imqaccat inti l-inhawi bhala?

Qorti: Kemm rajtu il-boghod minnek l-ewwel darba li rajtu?

Xhud: Rajtu ghaddej minn quddiemi aqqas biss rajtu gej.

Qorti: Allura kif rajtu gej bi speed imqaccat?

Xhud: Ghax il-mutur habat mal-hajt skapulani habat mal-hajt u Martin tar minn fuq il-mutur.

Qorti: Ghalekk ikkonkludejt?

Xhud: Ghalekk ikkonkludejt li,

Qorti: Mhux ghax rajtu int?

Xhud: Le jien ma rajtux esagg esagg.

Avu: Mela l-impatt ma fejn kien l-ewwel?

Xhud: Laqatli l-vann kemm laqtu u ghamilli girfa, girfa ghamilli ghax prova jiskapulani.

Avu: Dak il-punt fejn laqatlek il-vann inti bhala speed il-mument tal-impatt kien wiehed kbir kien wiehed zghir x`kien l-ispeed?

Xhud: Il-vann kemm kemm.

Qorti: It`s pretty Obvious Avukat bil0kemm jaqleb kien mhux ovvja bilkemm jaqleb kien.

Avu: Inti fl-akkwati ghandek idea ta speed limitations?

Xhud: 25km/h.

Qorti: Kif tafu dan ghandek xi ritratt?

Xhud: Ghax ghandi ritratti tas-signs triq il-Kbira.

Avu: U kemm hi l-boghod mil-incident?

Xhud: Maybe 150 mtrs.

Avu: Kif il-mutur tkaxkar minn mieghek?

Xhud: Il-mutur ma tkaxkarx il-mutur baqa` jsuq sab il-kantuniera fejn hemm ir-ritratt indikati u sab il-bollard il-mutur wehel hemmekk u Mr. Martin Grech tar minn fuq il-mutur u spicca ma l-art u kif rajt,

Qorti: Kemm kien boghod mil-mutur meta tar, kemm kien il-boghod?

Xhud: Maybe 5 feet 6 nahseb anki 7.

Avu: Dak kollox.

Qorti: Re Ezami.

Avu2: Ara sur Grech inti ghedtilna li kont hiereg minn Triq Santu Rokku naqblu li hemm Stop sign?

Xhud: Iva jien waqaft.

Avu2: Mela ftit ilu ghedtilna li kellek tibqa hiereg ghax kien hemm karozza ma tistax tara biha?

Xhud: Waqaft u ergajt bdejt nipprocedi il-quddiem.

Avu2: Mela bdejt tipprocedi il-quddiem semmejt li kien hemm karozza li fuq l-isketch qeghda immarkata PV,naqblu li dil-karozza kienet taht il-kantuniera mhux minn fejn kien gej il-mutur jew ma kienetx taghttilek il-vizzjoni lilek?

Qorti: Le mhux hekk qal ta hu qal li peress li kienet karozza pjuttost kbira meta gie biex johrog kellu jimmanuvra b`certu mod habba dik il-karozza kbira li ostakolalu dak ta l-aluminium li kien minflok il-karozza immarkata bhaal blue imma ovvjament dan ittiehdu wara qed nifhem sew.

Avu2: Mela ha nigu ghal-hsara inti ghedt li ilmutur l-ewwel habat mieghek fuq in-naha tax-xellug fuq quddiem fuq il-vann tieghek man-naha tax-xellug l-impatt sar fuq quddiem tal-vettura tieghek?

Xhud: Le l-impatt ma sarx ma quddiem il-vettura tieghi l-impatt sar mal-bankina,

Qorti: Le le le laqtek jekk jolqtok ukoll impatt sinjur.

Xhud: Sorry sorry ma kontx naf, mela l-ewwel impatt sar mal-kantuniera tal-vann tieghi Mr. Martin baqa` isuq qisu ftit metri iktar l-isfel.

Avu2: Daqsekk mistoqsijiet sinjura.

**<u>Andrea Vella, xehdet hekk:</u>**

Qorti: Mela inti hadt xi ritratti wara xi incident sinorina?

Xhud: Iva.

Qorti: Mela tista tara dawn ritratti u tara jekk humiex li hadt int ikkonfermali please?

Xhud: Kollha jiena haddthom.

Avu: Mela ara Andrea spjega daqxejn kif gara dan l-incident illi gejt mibghuta biex tixhed fuqu?

Xhud: Mela jiena u Samuel Gauci konnha qeghdin gol-vann kien hiereg minn fuq konnha qeghdin go Triq Santu Rokku waqaf fuq  Stop ovvjament fuq in-naha tieghi kien hemm karozza ipparkjata hazin allura ma bediex jara sew kien hemm vann naqra kbir ipparkjat hazin u hareg naqra zghira iktar umbaghad ittawwal il-fuq u ma kien gej hadd Samuel Gauci hareg,

Qorti: Le mhux ittawwal il-fuq ma kien gej hadd, inti x`rajt inti ittawwalt?

Xhud: Ehe ma kien gej hadd le le jien harist iwa u ma kien gej hadd zgur ma kien gej hadd umabghad fuq in-naha ta` Samuel Gauci din naha kien hemm Toyota Hilux ipparkjata hazin mal-genb u Samuel ovvjament kellu jdur naqra iktar il-barra milli is-soltu jista umbaghad x`hin hrigna litteralment nizel mutur minn quddiemna hekk tkaxkar farka zghira mal-vann silencer farka zghira mal-vann u baqa` sejjer umabaghad habat ma dil-bollard li kien hawn hawnekk fuq il-bankina fuq DOK SG7 dal-bollard li hawn ma l-art l-ahmar u abjad umbaghad Samuel Gauci waqaf mal-ewwel.

Avu: Inti x`ghamilt?

Xhud: Inzilt minn gol-vann u morna naraw x`gara.

Avu: Inti kont fil-vann bhala passiggiera nassumi?

Xhud: Ezatt.

Avu: Mela tista tispjega l-Qorti fejn kont bil-qeghda?

Xhud: In-naha tal-left.

Avu: Ok igifieri naqblu jekk nghidlek il-mutur gie mis-side tieghek?

Xhud: Ezatt.

Avu: Il-mutur wara l-impatt mal-vann x`garalu?

Xhud: Il-mutur baqa` sejjer u baqa` jsuq umbaghad habat hawnekk ezatt mal-bollard li ghedtlek.

Avu: U inti meta rajtu il-mutur l-ewwel darba?

Xhud: Fi xhin baqa` sejjer ghadda l-vann u baqa` sejjer.

Avu: U kieku kellek tispjega l-Qorti bhala moviment bhala speed dak il-hin x`kien?

Xhud: Kien niezel speed qawwi.

Qorti: Le ma tafx x`kien niezel?

Xhud: Le x`hin rajtu quddiemi, jien hemmekk rajtu baqa` sejjer ghax meta gie in-naha tieghi jien ma rajtux.

Avu: Dak kollox.

Avu2: Mela dar-ritratti haddthom inti hux hekk?

Xhud: Iwa.

Avu2: Qed naghmillek referenza ghall-DOK SG9 mela naqblu li dan huwa l-vann taghakomli kontu ghaddejin bih intom?

Xhud: Iva.

Avu2: U dal-mutur?

Xhud: Ezatt.

Avu2: Id-distanza din biss kien hemm, dal-metri kollha li baqa jsuq?

Xhud: Ezatt.

Avu2: Jekk nghidlek tispjega il-vann ta` Samuel bhala hgieg taqbel li tinted il-hgieg tieghu?

Xhud: Ta` wara ijja.

Avu2: Anki ta` quddiem kollu tinted il-vann?

Qorti: Ifhimni she`s not the owner or the driver allura.

Avu2:        M`ghandix iktar mistoqsijiet.

**PS 827 Edwin Grech** xehed permezz ta' affidavit swar l-involviment tieghu f' dan l-incident

**Ikkunsidrat**

Deher car mix-xhieda ta' Samuel Gauci stess li hu wera nuqqas ta' *Proper lookout* meta ma hax id-dovuti kawteli meta min triq laterali li kient ukoll T-Junction u di piu munita' b' STOP sign hareg ghal fuq triq ewlenija u dan wasal sabiex is-sewwieq tal-mutur MXP 544 Martin Grech sofra griehi ta' natura permanenti. In-natura tal-griehi kien fil-fatt ikkonfermat mill-istess imputat fl-udjenza tat-2 ta' Marzu 2023. Meta il-vizwali tieghek tkun ostakolata dan ifisser li trid toqghod aktar attent.

Dan kien sewqan ta' livell traskurat u bhekk tirrizulta t-tielet imputazzjoni izda mhux l-ewwel jew it-tieni. Ma tirrizultax ir-raba' imputazzjoni li ma waqafx fuq l-istop sign izda jirrizulta il- hames imputazzjoni . Is-sitt imputazzjoni ma gietx ippruvata.

**Decide**

Rat l-artikoli 328(b)(d) tal- Kap 9 u Art 15(1)(a) (2) tal- Kap 65 , u LS 65.05 Artikolu 2(IIE (a) (2)) u LS 65.18 art 36B u LS 65 18 Sitt Skeda tal- Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant Samuel Gauci illiberat mill-ewwel (1), Tieni (2) raba'(4), u sitt(6) imputazzjoni u hati tat-tielet (3) u hames (5) imputazzjoni u ikkundannat komplessivament elfejn ewro multa (2000), 15-il gurnata skwalifika mill-licenzji kollha tas-sewqan u Seba' (7) punti fuq il-licenzji tas sewqan.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**